KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
ĆAPETA
ippreżentati fil-21 ta' Marzu 2024[1]

**Kawża C-399/22**

**Confédération paysanne**
**vs**
**Ministre de l'Agriculture et de la Souveraineté alimentaire,**
**Ministre de l'Économie, des Finances et de la Souveraineté industrielle et numérique**

(talba għal deċiżjoni preliminari,
imressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Informazzjoni lill-konsumatur dwar il-prodotti tal-ikel – Rekwiżiti ta' indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini – Frott u ħaxix maħsud fis-Saħara tal-Punent – Kompetenza tal-Istati Membri li unilateralment jipprojbixxu l-importazzjoni ta' prodotti li ma għandhomx tikketta ta' 'pajjiż ta' oriġini' korretta"

## I. Introduzzjoni

1. "It-territorju tas-Saħara tal-Punent ma jappartjenix lir-Renju tal-Marokk; għalhekk, tikketta li tindika li l-oriġini ta' din il-merkanzija hija l-Marokk tikser ir-rekwiżiti tal-Unjoni Ewropea dwar l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel."

2. Fil-qosor, dan huwa l-argument tar-rikorrenti quddiem il-qorti nazzjonali. Konsegwentement, ir-rikorrenti talbet deċiżjoni mill-ministère de l'agriculture et de la souveraineté alimentaire (il-Ministeru għall-Agrikoltura u għas-Sovranità tal-Ikel, Franza) u mill-ministère de l'économie, des finances et de la souveraineté industrielle et numérique (il-Ministeru għall-Ekonomija, għall-Finanzi u għas-Sovranità Industrijali u Diġitali, Franza) (iktar 'il quddiem il-"Ministeri") sabiex jipprojbixxu l-importazzjoni tat-tadam cherry u tal-bettieħ tal-varjetà Charentais (iktar 'il quddiem il-"prodotti kontenzjużi") li joriġinaw mit-territorju tas-Saħara tal-Punent u ttikkettjati bħala li joriġinaw mir-Renju tal-Marokk.

3. It-tilwima tqajjem żewġ kwistjonijiet distinti.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

4. L-ewwel waħda hija jekk l-Istati Membri jistgħux jaġixxu unilateralment fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jipprojbixxu l-importazzjoni ta' ċerta merkanzija minn pajjiżi terzi. Għalkemm ma hijiex kwistjoni ġdida, fid-dawl tal-miżuri meħuda reċentement mill-Istati Membri kontra l-importazzjonijiet mill-Ukraina, il-kwistjoni hija ċertament rilevanti minn perspettiva iktar wiesgħa [2].

5. It-tieni kwistjoni li għandha tiġi solvuta tikkonċerna l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel li joriġinaw mit-territorju tas-Saħara tal-Punent. Il-kwistjoni li tqum hawnhekk hija jekk dawn il-prodotti jistgħux jiġu kkummerċjalizzati bħala li joriġinaw mir-Renju tal-Marokk. Din il-kwistjoni tista' titqiegħed fil-kuntest tas-sentenzi ta' Il-Kunsill vs Front Polisario [3] u Western Sahara Campaign UK [4], li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-istatus territorjali distint tat-territorju tas-Saħara tal-Punent [5].

## II. Il-kuntest ġuridiku u fattwali ta' din il-kawża u d-domandi preliminari

6. Is-Saħara tal-Punent huwa territorju li jinsab fil-Majjistral tal-Afrika. Dan ġie kkolonizzat mir-Renju ta' Spanja matul is-seklu 19. Fl-1963, fil-kuntest tal-proċess ta' dekolonizzazzjoni, dan it-territorju ġie miżjud min-Nazzjonijiet Uniti mal-lista ta' territorji mhux awtonomi. Għadu fuq din il-lista sal-lum [6].

7. Il-proċess ta' dekolonizzazzjoni (għadu) ma ntemmx u s-Saħara tal-Punent għadu l-uniku territorju mhux awtonomu fl-Afrika. Spanja rrinunzjat għar-responsabbiltà tagħha bħala awtorità amministrattiva kolonjali fl-1976. Minn dakinhar, għadu jippersisti kunflitt fit-territorju, inkluż ta' natura militari, bejn ir-Renju tal-Marokk, li jikkontrolla madwar 80 % tat-territorju tas-Saħara tal-Punent u jsostni s-sovranità fuqu kollu, u l-Front Populaire pour la libération de la saguia-el-hamra et du rio de oro (iktar 'il quddiem il-"Front Polisario"), li jikkontrolla l-bqija tat-territorju tas-Saħara tal-Punent u li jsostni li jirrappreżenta lill-poplu tas-Saħara. Il-poplu tas-Saħara ġie rrikonoxxut bħala detentur tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja fl-Opinjoni Konsultattiva tagħha dwar is-Saħara tal-Punent [7].

2 Minn Marzu 2023, il-Gvernijiet tal-Bulgarija, tal-Ungerija, tal-Polonja, tar-Rumanija u tas-Slovakkja heddew li jipprojbixxu unilateralment l-importazzjoni taċ-ċereali u tal-prodotti agrikoli Ukreni mingħajr tariffa (miżura imposta b'reazzjoni għall-fatt li l-Gvern Russu kellu fil-mira l-esportazzjonijiet ta' ċereali mill-portijiet tal-Baħar l-Iswed tal-Ukraina). Bi tweġiba, il-Kummissjoni Ewropea, inizjalment sal-5 ta' Ġunju 2023 (Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/903 tat-2 ta' Mejju 2023 li jintroduċi miżuri preventivi fir-rigward ta' ċerti prodotti li joriġinaw fl-Ukrajna (ĠU 2023, L 114I, p. 1)), imbagħad sal-15 ta' Settembru 2023 (Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1100 tal-5 ta' Ġunju 2023 li jintroduċi miżuri preventivi fir-rigward ta' ċerti prodotti li joriġinaw fl-Ukrajna (ĠU 2023, L 144I, p. 1, rettifika fil-ĠU 2023, L 149, p. 91)), introduċiet miżuri preventivi temporanji li jipprojbixxu r-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera jew it-tqegħid taħt ċerti proċeduri doganali ta' qamħ, qamħirrum, kolza u żerriegħa tal-ġirasol mill-Ukraina, sakemm dik il-merkanzija ma tiġix imċaqalqa lejn Stat Membru ieħor jew lejn pajjiż jew territorju barra t-territorju doganali tal-Unjoni.

3 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973; iktar 'il quddiem "Il-Kunsill vs Front Polisario").

4 Sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:118; iktar 'il quddiem il-"Western Sahara Campaign UK").

5 Il-Kunsill vs Front Polisario, punt 108, u Western Sahara Campaign UK, punt 64.

6 In-Nazzjonijiet Uniti, Rapport tal-Kumitat ta' Informazzjoni mit-Territorji Mhux Awtonomi, Suppliment Nru 14 (A/5514) (1963), Anness III "Lista ta' Territorji Mhux Awtonomi skont il-Kapitolu XI tal-Karta fil-31 ta' Diċembru 1962 ikklassifikati skont ir-reġjun ġeografiku".

7 Ara l-Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tas-16 ta' Ottubru 1975, Saħara tal-Punent (Rapporti tal-QIĠ 1975, p. 12, punt 162). Għal deskrizzjoni iktar iddettaljata tal-avvenimenti li wasslu għas-sitwazzjoni politika attwali tas-Saħara tal-Punent, ara l-konklużjonijiet tiegħi tal-lum fil-Kawżi magħquda C-778/21 P u C-798/21 P, Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Front Polisario, punti 5 sa 15, kif ukoll fil-Kawżi magħquda C-779/21 P u C-799/21 P, Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Front Polisario, punti 8 sa 28.

8. Il-kunflitt fis-Saħara tal-Punent ma huwiex ġdid għall-Qorti tal-Ġustizzja. Filwaqt li rrikonoxxiet li d-dritt għall-awtodeterminazzjoni jorbot lill-Unjoni fit-tmexxija tagħha tar-relazzjonijiet esterni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'Il-Kunsill vs Front Polisario u f'Western Sahara Campaign UK, li t-territorju tas-Saħara tal-Punent għandu status separat u distint minn dak ta' kull Stat, inkluż tar-Renju tal-Marokk [8].

9. Fuq din il-bażi, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni kif ukoll il-Ftehim ta' Sħubija u Sajd [9], li l-applikazzjoni territorjali tagħhom kienet limitata rispettivament għat-"territorju tar-Renju tal-Marokk" u għall-"ibħra rilevanti [li jaqgħu] taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk", bħala li la jinkludu t-territorju tas-Saħara tal-Punent u lanqas l-ibħra li jmissu miegħu [10].

10. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea inkariga lill-Kummissjoni tagħti segwitu għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Il-Kunsill vs Front Polisario u f'Western Sahara Campaign UK [11]. L-eżitu tan-negozjati sussegwenti mar-Renju tal-Marokk huwa rifless, minn naħa, fi ftehim li jestendi l-preferenzi tariffarji għall-merkanzija li toriġina mit-territorju tas-Saħara tal-Punent [12] u, min-naħa l-oħra, mill-ftehim u mill-protokoll ta' implimentazzjoni dwar is-sajd sostenibbli fl-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent [13].

11. Front Polisario kkontesta d-deċiżjonijiet li japprovaw dawn il-ftehimiet. L-appelli mis-sentenzi tal-Qorti Ġenerali, li permezz tagħhom hija annullat dawn id-deċiżjonijiet [14], huma pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. B'mod parallel ma' dawn il-konklużjonijiet, ser nippreżenta wkoll il-konklużjonijiet tiegħi f'dawk iż-żewġ settijiet ta' appelli llum [15]. Madankollu, u indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-Qorti tal-Ġustizzja hijiex ser issegwi l-konklużjonijiet tiegħi f'dawk il-kawżi, l-eżitu tagħhom ma jaffettwax is-soluzzjoni tal-kawża ineżami.

12. Fil-kawża ineżami, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali quddiem il-qorti nazzjonali hija Confédération paysanne, unjoni agrikola Franċiża. Hija talbet mingħand il-Ministeri ordni li *jipprojbixxi l-importazzjoni* tal-prodotti kontenzjużi maħsuda fit-territorju tas-Saħara tal-Punent. Dawn il-prodotti huma importati u kkummerċjalizzati fi Franza b'tikketta li tindika

8 Il-Kunsill vs Front Polisario, punt 92, u Western Sahara Campaign UK, punt 69.

9 Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU 2000, L 70, p. 2; iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), li kien inkwistjoni f'Il-Kunsill vs Front Polisario, u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU 2006, L 294M, p. 134; iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd"), li kien inkwistjoni f'Western Sahara Campaign UK.

10 Il-Kunsill vs Front Polisario, punt 92, u Western Sahara Campaign UK, punti 64 u 69.

11 Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/217 tat-28 ta' Jannar 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU 2019, L 34, p. 1), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/441 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim (ĠU 2019, L 77, p. 4).

12 Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar emenda tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU 2019, L 34, p. 4; iktar 'il quddiem il-"Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri").

13 Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU 2019, L 77, p. 8), u l-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU 2019, L 77, p. 18).

14 Ara s-sentenzi tad-29 ta' Settembru 2021, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-279/19, EU:T:2021:639), u tad-29 ta' Settembru 2021, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-344/19 u T-356/19, EU:T:2021:640).

15 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 7 ta' dawn il-konklużjonijiet.

r-Renju tal-Marokk bħala l-post tal-oriġini tagħhom [16]. Ir-rikorrenti ssostni li dan imur kontra r-rekwiżiti tal-Unjoni fil-qasam tal-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel li jobbligaw l-ittikkettjar tal-pajjiż ta' oriġini korrett ta' prodott. Ir-rikorrenti ssostni li, meta l-prodotti inkwistjoni jiġu importati fi Franza, huma jindikaw b'mod żbaljat ir-Renju tal-Marokk minflok it-territorju tas-Saħara tal-Punent bħala l-pajjiż ta' oriġini tagħhom. L-importazzjoni tagħhom għandha għalhekk tkun ipprojbita.

13. Peress li qieset li l-Ministeri kienu impliċitament ċaħdu din it-talba, ir-rikorrenti ppreżentat rikors quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat).

14. Il-qorti tar-rinviju tqis li r-regoli applikabbli jeżiġu l-indikazzjoni tal-pajjiż jew tat-territorju ta' oriġini ta' prodott tal-ikel. Dan ir-rekwiżit, li jikkostitwixxi element ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-ikel, għandu, bħala prinċipju, jiġi ssodisfatt fil-mument tal-importazzjoni. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tirrileva wkoll li r-regolamenti applikabbli ma jagħtux espressament lill-Istati Membri s-setgħa li jadottaw miżuri ta' projbizzjoni ta' importazzjoni ta' prodotti li ma jikkonformawx ma' dan l-obbligu ta' ttikkettjar tal-oriġini. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tqis li, fid-dawl tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Il-Kunsill vs Front Polisario u f'Western Sahara Campaign UK, tqum il-kwistjoni dwar jekk ir-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn jeżiġu li l-prodotti li joriġinaw mit-territorju tas-Saħara tal-Punent ma jistgħux jirreferu għar-Renju tal-Marokk bħala pajjiż ta' oriġini, iżda għandhom pjuttost jindikaw it-territorju tas-Saħara tal-Punent.

15. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat u tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li jawtorizzaw lil Stat Membru li jadotta miżura nazzjonali li tipprojbixxi l-importazzjonijiet, minn pajjiż speċifiku, ta' frott u ħaxix li jiksru l-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 1169/2011 u l-Artikolu 76

[16] Ara, f'dan ir-rigward, is-sottomissjonijiet fil-kawża mressqa quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) tar-relatur pubbliku Bokdam-Tognetti, li jispjega li "*des melons et tomates produits dans la région de Dakhla, c'est-à-dire au Sahara occidental, sont effectivement importés et commercialisés en France en mentionnant le Maroc comme pays d'origine, sans indication faisant état du Sahara occidental*" ("il-bettieħ u t-tadam prodotti fir-reġjun ta' Dakhla, jiġifieri fis-Saħara tal-Punent, huma effettivament importati u kkummerċjalizzati fi Franza u jindikaw lill-Marokk bħala l-pajjiż ta' oriġini, mingħajr ebda indikazzjoni tas-Saħara tal-Punent"): sottomissjonijiet ta' Emilie Bokdam-Tognetti, relatur pubbliku, Nru 445088 – Confédération paysanne (9 ta' Ġunju 2022).

tar-Regolament Nru 1308/2013 minħabba li ma jindikawx il-pajjiż jew it-territorju li minnu dawn effettivament joriġinaw, b'mod partikolari meta dan in-nuqqas ikun sinjifikattiv u meta jkun diffiċli li jiġi kkontrollat ladarba l-prodotti jkunu daħlu fit-territorju tal-Unjoni?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, il-ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2019, li temenda l-Protokolli 1 u 4 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju tas-26 ta' Frar 1996 li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Marokk, għandu jiġi interpretat fis-sens li, għall-applikazzjoni tal-Artikoli 9 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 u tal-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, minn naħa, il-frott u l-ħaxix maħsud fit-territorju tas-Saħara tal-Punent għandhom il-Marokk bħala l-pajjiż ta' oriġini tagħhom u, min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet Marokkini huma kompetenti sabiex joħorġu ċ-ċertifikati ta' konformità previsti mir-Regolament Nru 543/2011 għall-frott u għall-ħaxix maħsud f'dan it-territorju?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2019 li tapprova dan il-ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri hija konformi mal-Artikolu 3(5) TUE, mal-Artikolu 21 TUE u mal-prinċipju konswetudinarju ta' awtodeterminazzjoni mfakkar b'mod partikolari fl-Artikolu 1 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti?

4) L-Artikoli 9 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 u l-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li fl-istadju tal-importazzjoni u tal-bejgħ lill-konsumatur, l-imballaġġ tal-frott u tal-ħaxix maħsud fit-territorju tas-Saħara tal-Punent ma jistax isemmi l-Marokk bħala l-pajjiż ta' oriġini iżda għandu jsemmi t-territorju tas-Saħara tal-Punent?"

16. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-Confédération paysanne, mill-Gvern Franċiż, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni. Dawn il-partijiet ippreżentaw ukoll trattazzjoni fis-seduta li saret fl-24 ta' Ottubru 2023.

## III. Analiżi

17. Kif ġie spjegat iktar 'il fuq, dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari huwa ttrattat b'mod konkomitanti ma' żewġ settijiet ta' appelli li dwarhom ser nippreżenta wkoll il-konklużjonijiet tiegħi llum [17]. Wieħed miż-żewġ appelli jirrigwarda l-validità tat-trattament preferenzjali mogħti, b'mod partikolari, lill-prodotti inkwistjoni importati fl-Unjoni mit-territorju tas-Saħara tal-Punent [18].

18. Ikun xi jkun l-eżitu ta' dawn l-appelli, iż-żewġ domandi li l-Qorti tal-Ġustizzja talbet li nikkonċentra l-analiżi tiegħi fuqhom, jiġifieri l-ewwel u r-raba' domanda kif magħmula, jibqgħu rilevanti [19].

[17] Kawżi magħquda C-778/21 P u C-798/21 P, Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Front Polisario u Kawżi magħquda C-779/21 P u C-799/21 P, Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Front Polisario.

[18] Fil-Kawżi magħquda C-779/21 P u C-799/21 P, Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Front Polisario, il-Kummissjoni u l-Kunsill jikkontestaw, rispettivament, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2021, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-279/19, EU:T:2021:639), li fiha din il-qorti kkonkludiet li l-Kunsill kien kiser il-prinċipju ta' effett relattiv tat-trattati kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 106 tas-sentenza Il-Kunsill vs Front Polisario.

[19] It-tielet domanda tad-deċiżjoni tar-rinviju, li mhux ser nittratta f'dawn il-konklużjonijiet, tqajjem il-kwistjoni tal-validità tad-Deċiżjoni 2019/217; din hija kwistjoni li ser neżamina separatament fil-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda C-779/21 P u C-799/21 P, Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Front Polisario.

19. Jiena ser nindirizza dawn iż-żewġ domandi wara xulxin. Rigward l-ewwel domanda, ser nevalwa jekk l-Istati Membri għandhomx il-kompetenza skont id-dritt tal-Unjoni li unilateralment jipprojbixxu l-importazzjoni ta' ċerta merkanzija fl-Unjoni li allegatament ma ġġorrx tikketta tal-pajjiż ta' oriġini korretta [20]. Rigward ir-raba' domanda, kif magħmula, ser nikkunsidra jekk il-prodotti inkwistjoni għandhomx jindikaw is-Saħara tal-Punent bħala l-pajjiż ta' oriġini tagħhom, u jekk jistgħux jindikaw ukoll ir-Renju tal-Marokk bħala l-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

## A. L-ewwel domanda

### *1. Formulazzjoni mill-ġdid tad-domanda*

20. Qabel nidħol fil-mertu tal-ewwel domanda, inqis li huwa neċessarju li nifformulaha mill-ġdid. Dan peress illi l-qorti tar-rinviju tispjega l-ħtieġa għal gwida dwar l-ewwel domanda b'riferiment għar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi [21], ir-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli [22], ir-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix [23], u l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni [24] bħala bażijiet legali potenzjali għall-projbizzjoni unilaterali ta' importazzjonijiet imfittxija mir-rikorrenti.

21. Il-projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti hija miżura politika li tirregola l-kummerċ tal-merkanzija [25], suġġett li, skont l-Artikolu 207(1) TFUE, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali komuni. Fil-fatt, fit-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tispjega li l-miżura mitluba mir-rikorrenti ma tikkonċernax *projbizzjoni ta' bejgħ jew ta' kummerċjalizzazzjoni* tal-prodotti inkwistjoni fi Franza. Minflok, ir-rikorrenti talbet lill-awtoritajiet Franċiżi jimponu unilateralment projbizzjoni ta' *importazzjoni* ta' dawn il-prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent minħabba l-allegat ksur tar-rekwiżiti tal-Unjoni fil-qasam tal-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel.

[20] Kif ser jidher mill-konklużjonijiet tiegħi, fid-dawl tar-risposta li nipproponi li tingħata għall-ewwel domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja mhux ser ikollha għalfejn tirrispondi għat-tieni u t-tielet domanda (peress li dawn id-domandi, kif ifformulati, huma kontinġenti fuq risposta affermattiva għall-ewwel domanda). Kif ser nispjega wkoll fil-punt 56 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet, fid-dawl tar-risposta proposta tiegħi għall-ewwel domanda, hemm ukoll argument li ma hemmx bżonn li tingħata risposta għar-raba' domanda.

[21] Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU 2011, L 304, p. 18, rettifiki fil-ĠU 2014, L 331, p. 40, fil-ĠU 2016, L 266, p. 7, fil-ĠU 2022, L 35, p. 26, fil-ĠU 2023, L 142, p. 41 u fil-ĠU 2023, L 214, p. 229, iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi").

[22] Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007, rettifiki fil-ĠU 2014, L 189, p. 261, fil-ĠU 2016, L 130, p. 8, fil-ĠU 2020, L 1, p. 5, fil-ĠU 2022, L 195, p. 106 u fil-ĠU 2023, L 200, p. 51 (ĠU 2013, L 347, p. 671, iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli").

[23] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat (ĠU 2011, L 157, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix").

[24] Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (riformulazzjoni), (ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 287, p. 90 u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali tal-Unjoni").

[25] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 990/93 tas-26 ta' April 1993 dwar il-kummerċ bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro) (ĠU 1993, L 102, p. 14), li stabbilixxa embargo kummerċjali fuq ċerti prodotti li ġejjin minn jew li kienu fi tranżitu mir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (is-Serbja u l-Montenegro), u li ġie adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 113 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea (li sar l-Artikolu 207 TFUE).

22. Peress li l-politika kummerċjali komuni hija politika esklużiva tal-Unjoni [26], Franza ma hijiex kompetenti biex timponi projbizzjoni fuq l-importazzjoni, sakemm ma tingħatax is-setgħa jew tintalab tagħmel dan mill-Unjoni.

23. Bl-eċċezzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ir-regolamenti l-oħra kollha msemmija mill-qorti tar-rinviju jikkonċernaw l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn ir-regolamenti ma ġewx adottati fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati li jirregolaw il-kummerċ ma' pajjiżi terzi u l-politika kummerċjali komuni (Artikoli 206 jew 207 TFUE), bl-eċċezzjoni mill-ġdid tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni. Minflok, dawn ġew adottati fuq il-bażi tal-artikoli li jirregolaw l-agrikoltura (l-Artikolu 43 TFUE) u s-suq intern (l-Artikolu 114 TFUE).

24. Peress li ma jirregolawx il-kummerċ ma' pajjiżi terzi, ir-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi, ir-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli u r-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix ma jistgħux jagħtu s-setgħa lil Franza biex tadotta l-miżura mitluba. Fi kwalunkwe każ, l-ebda wieħed minn dawn ir-regolamenti ma jawtorizza lill-Istati Membri jipprojbixxu unilateralment l-importazzjoni ta' prodotti mhux konformi [27].

25. Sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, nipproponi għalhekk li tiġi fformulata mill-ġdid l-ewwel domanda sabiex pjuttost tistaqsi jekk id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, jawtorizzax lil Stat Membru jadotta miżura nazzjonali li tipprojbixxi l-importazzjoni ta' frott u ħaxix li ma jkollux tikketta tal-pajjiż ta' oriġini korretta.

## *2. Evalwazzjoni*

26. Kif spjegajt fil-punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-kummerċ fil-merkanzija jaqa' taħt il-politika kummerċjali komuni. Din il-politika għandha tkun irregolata minn prinċipji uniformi [28].

27. Skont l-Artikolu 3(1)(e) TFUE, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni. Dan ifisser li l-Unjoni biss tista' tilleġiżla u tadotta atti legalment vinkolanti dwar il-kummerċ tal-merkanzija ma' pajjiżi terzi [29].

28. Dan it-tqassim ta' kompetenzi għandu bħala korollarju li l-Istati Membri huma preklużi milli jaġixxu fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali, sakemm l-Unjoni ma tagħtihomx setgħa speċifika jew meta jimplimentaw atti tal-Unjoni.

[26] Artikolu 3(1)(e) TFEU.

[27] Kif jispjega l-Gvern Franċiż, għalkemm ir-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi jimponi fuq l-operaturi l-obbligu li jittikkettjaw b'mod korrett il-prodotti tal-ikel li huma jikkummerċjalizzaw (l-Artikolu 8(2)), dan ma jipprojbixxihomx milli jimportaw dawn l-istess prodotti jekk it-tikketta ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament. Barra minn hekk, l-Artikolu 38(1) tal-istess regolament jipprojbixxi speċifikament lill-Istati Membri milli jadottaw jew iżommu miżuri mhux awtorizzati mid-dritt tal-Unjoni. Bl-istess mod, filwaqt li l-Artikolu 33(3)(f) tar-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli jipprevedi l-possibbiltà tal-irtirar mis-suq, din is-setgħa, li fi kwalunkwe każ tista' tiġi limitata mill-Kummissjoni (l-Artikolu 37(d)), ma testendix għal-limitazzjoni tal-importazzjoni ta' prodotti mhux konformi. Barra minn hekk, il-miżuri ta' emerġenza, li jidher li jestendu għal miżuri relatati mal-kummerċ, jistgħu jiġu adottati biss mill-Kummissjoni (premessi 189 u 201, u l-Artikolu 221). Dan japplika wkoll għar-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix, li, filwaqt li jippreċiża li l-Istati Membri huma kompetenti sabiex jivverifikaw l-applikazzjoni korretta tal-istandards ta' kummerċjalizzazzjoni permezz ta' kontrolli ta' konformità (ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 9(1)), ma jawtorizzax lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri li jipprojbixxu l-*importazzjoni* ta' prodotti mhux konformi.

[28] Fil-fatt, il-formulazzjoni nnifisha tal-Artikolu 207(1) TFUE tirreferi għall-politika kummerċjali komuni bħala bbażata fuq "prinċipji uniformi".

[29] Ara l-Artikolu 2(1) TFUE.

29. Il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja hija għalhekk dik dwar jekk id-dritt primarju jew id-dritt sekondarju tal-Unjoni jagħtux lill-Istati Membri kompetenzi awtonomi sabiex jistabbilixxu t-tip ta' miżura unilaterali mitluba mir-rikorrenti.

30. Fil-livell tad-dritt primarju tal-Unjoni, it-tweġiba hija le. It-Trattati ma jipprevedux dispożizzjoni li tagħti s-setgħa lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri unilaterali li jirrestrinġu jew jissospendu l-kummerċ ma' Stat jew territorju terz [30].

31. Inqis li l-loġika wara dan l-approċċ hija bbażata qabel kollox fuq il-perikolu li tiġi żnaturata n-natura essenzjali tal-kompetenzi tal-Unjoni u tal-istituzzjonijiet tagħha, kif previsti mit-Trattat [31].

32. It-tieni, tali miżuri jimminaw l-uniformità tal-politika kummerċjali esterna tal-Unjoni, u b'hekk jippreġudikaw wieħed mill-prinċipji fundamentali li fuqhom hija bbażata l-politika kummerċjali komuni [32].

33. Finalment, lil hinn mill-apparenza esterna tal-Unjoni bħala sieħeb kummerċjali affidabbli, jeżisti riskju ta' espożizzjoni għar-responsabbiltà quddiem il-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-WTO [33].

34. Fil-livell tad-dritt sekondarju tal-Unjoni, ir-risposta teħtieġ iktar preċiżazzjoni.

35. Hemm mill-inqas preċedent wieħed għaċ-ċirkustanzi li fihom l-Unjoni tippermetti lill-Istati Membri jżommu, taħt ċerti kundizzjonijiet, miżuri nazzjonali speċifiċi li, strettament, jinterferixxu mat-tqassim tal-kompetenzi skont il-politika kummerċjali komuni [34]. Madankollu, dan huwa rari.

30 Ma hemmx għalfejn jingħad li l-Artikolu 207 TFUE jista' dejjem iservi bħala bażi legali għall-introduzzjoni ta' *miżura tal-Unjoni* biex jiġi sospiż il-kummerċ ma' Stat jew territorju terz: ara, pereżempju, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1432/92, tal-1 ta' Ġunju 1992, li jipprojbixxi l-kummerċ bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubbliki tas-Serbja u ta' Montenegro (ĠU 1992, L 151, p. 4), li jistabbilixxi embargo kummerċjali li jkopri l-importazzjonijiet kollha fit-territorju tal-Komunità (dak iż-żmien) tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja kif ukoll l-esportazzjonijiet kollha mill-Komunità lejn dan il-pajjiż.

31 Ara, f'dan is-sens, l-Opinjoni 1/00 (Ftehim dwar il-ħolqien ta' Spazju tal-Ajru Komuni Ewropew), tat-18 ta' April 2002 (EU:C:2002:231, punt 12 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Ara l-Artikolu 207(1) TFUE, li jippreċiża li "[il]-politika kummerċjali komuni għandha tkun ibbażata fuq prinċipji uniformi, partikolarment […] il-kisba ta' l-uniformità fil-miżuri ta' liberalizzazzjoni". Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-5 ta' Lulju 1994, Anastasiou *et* (C-432/92, EU:C:1994:277, punt 53) (li tispjega li l-eżistenza ta' prattiki differenti bejn l-Istati Membri toħloq "inċertezza ta' natura li x'aktarx tikkomprommetti l-eżistenza ta' politika kummerċjali komuni").

33 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Edukazzjoni ogħla) (C-66/18, EU:C:2020:792, punt 84).

34 Ara r-Regolament (UE) Nru 1219/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 li jistabbilixxi arranġamenti transizzjonali għal ftehimiet bilaterali ta' investiment bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU 2012, L 351, p. 40), li jippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet, lill-Istati Membri li jżommu fis-seħħ u jemendaw it-trattati bilaterali ta' investiment eżistenti tagħhom (iktar 'il quddiem it-"TBI"), kif ukoll li jikkonkludu TBI ġodda, filwaqt li ġeneralment jimponilhom li jeliminaw l-inkompatibbiltajiet bejn dawn it-TBI u d-dritt tal-Unjoni.

36. Dak li huwa iktar komuni, huma strumenti speċifiċi li jippermettu lill-Unjoni tadotta ċerti miżuri ta' salvagwardja fir-rigward tal-kummerċ ma' Stati jew territorji terzi [35]. F'dawn il-każijiet, l-Unjoni tista' tistabbilixxi ċerti miżuri biex tirregola r-rilaxx ta' prodotti mhux tal-Unjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni u, jekk meħtieġ [36], f'parti minnu biss [37].

37. Ċertament, kif isostni l-Gvern Franċiż, kemm ir-Regolament Bażiku dwar l-Importazzjoni kif ukoll il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jinkludu dispożizzjonijiet li jipprevedu l-possibbiltà għall-Istati Membri li jintroduċu miżuri kummerċjali *unilaterali* f'każijiet eċċezzjonali. Għalhekk, l-Artikolu 24(2)(a) tar-Regolament Bażiku dwar l-Importazzjoni jipprevedi li "dan ir-Regolament ma għandux jipprekludi l-adozzjoni jew l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' […] projbizzjonijiet, restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri tas-sorveljanza għal raġunijiet ta' moralità pubblika, politika pubblika jew sigurtà pubblika". Bl-istess mod, skont l-Artikolu 134(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "Merkanzija li tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni […] tista' tkun soġġetta għal kontrolli doganali" u "[fejn] applikabbli, huma għandhom ikunu soġġetti għall-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet ġustifikati skont, *inter alia*, il-moralità pubblika, il-politika pubblika jew is-sigurtà pubblika".

38. Madankollu, huwa ċar li dawn id-dispożizzjonijiet ma jikkostitwixxux awtorizzazzjoni permanenti, fil-livell tad-dritt sekondarju tal-Unjoni, sabiex jiġu introdotti miżuri unilaterali ta' sospensjoni tal-importazzjonijiet għal allegat ksur tar-rekwiżiti tal-Unjoni fil-qasam tal-ittikkettjar tal-ikel.

39. L-ewwel, it-tip ta' miżuri previsti mill-Artikolu 24(2)(a) tar-Regolament Bażiku dwar l-Importazzjoni għandhom jiġu applikati *erga omnes* sa fejn huma diretti kontra l-membri tal-WTO u għalhekk jikkonċernaw l-importazzjonijiet kollha tal-prodott ikkonċernat, irrispettivament mill-oriġini tagħhom [38]. Għaldaqstant, it-tip ta' miżura mitluba minn Franza kontra prodotti li joriġinaw biss mir-Renju tal-Marokk, membru tal-WTO, ma tistax taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

[35] Ara, pereżempju, il-miżuri ta' salvagwardja previsti mill-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU 2015, L 83, p. 16; iktar 'il quddiem ir-"Regolament Bażiku dwar l-Importazzjoni") (li jkopri l-importazzjonijiet għal pajjiżi u t-territorji li huma membri tal-WTO), kif ukoll tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU 2015, L 123, p. 33) (li jkopri l-importazzjonijiet minn pajjiżi li ma humiex membri tal-WTO).

[36] Ara, pereżempju, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU 2019, L 31, p. 27) (li jistabbilixxi kwota tariffarja ta' 25 % meta ċerti kategoriji ta' prodotti tal-azzar jiġu rrilaxxati għal ċirkulazzjoni libera fl-Unjoni għal perijodu ta' tliet snin).

[37] Ara l-Artikolu 17 tar-Regolament Bażiku dwar l-Importazzjoni u l-Artikolu 15 tar-Regolament 2015/755. Għal eżempju reċenti ta' tali miżura ta' salvagwardja "reġjonalizzata", ara l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2023/1100 (li jillimita r-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera tal-importazzjonijiet tal-qamħ, tal-qamħirrum, tal-kolza u taż-ż-żerriegħa tal-ġirasol li joriġinaw fl-Ukraina fil-Bulgarija, fl-Ungerija, fil-Polonja, fir-Rumanija jew fis-Slovakkja).

[38] Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 2(1) tal-Ftehim tal-WTO dwar is-Salvagwardji, li jipprevedi dan ir-rekwiżit u li għalhekk għandu jinforma l-qari tar-Regolament Bażiku dwar l-Importazzjoni. Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube (C-891/19 P, EU:C:2022:38, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata) (li tispjega li l-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* jeħtieġ interpretazzjoni f'konformità mad-dritt sekondarju tal-Unjoni stabbilit fid-dawl ta' wieħed mill-ftehimiet tal-WTO).

40. Barra minn hekk, il-miżuri previsti fl-Artikolu 24(2)(a) tar-Regolament Bażiku dwar l-Importazzjoni għandhom jiġu stabbiliti, b'mod partikolari, "għal raġunijiet ta' moralità pubblika, politika pubblika jew sigurtà pubblika". Din id-dispożizzjoni tippermetti għalhekk indħil fil-libertà tal-kummerċ [39] għal raġunijiet speċifiċi ta' interess ġenerali paragunabbli ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 36 TFUE [40].

41. Jiena ma neskludix li l-kunċett ta' "moralità pubblika" b'mod partikolari, li jindika twemmin ta' tajjeb u ħażin minn komunità partikolari, jista' jkopri ttikkettjar falz jew qarrieqi tal-prodotti tal-ikel.

42. Madankollu, fid-dawl tal-interpretazzjoni restrittiva li għandha tingħata għat-tipi ta' derogi previsti mill-Artikolu 24(2)(a) tar-Regolament Bażiku dwar l-Importazzjoni [41], ma ninsabx konvint li ksur tal-istandards armonizzati tal-*kummerċjalizzazzjoni* tal-Unjoni jista' jikkostitwixxi raġuni biex tiġi ristretta l-*importazzjoni* ta' tip partikolari ta' prodott fi Stat Membru wieħed.

43. Fil-fatt, kif spjega l-Gvern Franċiż, huwa ċar li l-liberalizzazzjoni tal-importazzjonijiet ta' merkanzija minn pajjiżi terzi permezz tar-Regolament Bażiku dwar l-Importazzjoni u tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ma tistax titqies li għandha wkoll l-għan jew l-effett li tilliberalizza l-kummerċjalizzazzjoni ulterjuri ta' dawn l-importazzjonijiet.

44. Dan huwa kompletament loġiku peress li, fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott importat għall-bejgħ fis-suq tal-Unjoni, l-istadju tal-*importazzjoni* jseħħ qabel l-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni.

45. Huwa minnu li dawn iż-żewġ fażijiet jistgħu "jikkompletaw lil xulxin" [42].

46. Madankollu, l-iżdoganar b'suċċess ta' prodott mhux neċessarjament jimplika konformità mar-regoli dwar l-ittikkettjar tal-konsumatur; u viċe versa: kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Expo Casa Manta, "bħalma prodott legalment immanifatturat fil-Komunità ma jistax jitqiegħed fis-suq għal din ir-raġuni biss, l-importazzjoni legali ta' prodott ma timplikax li dan ser jiġi awtomatikament ammess fis-suq" [43].

47. Iżda anki li kieku kellu jitqies (b'mod żbaljat) li l-iżdoganar ta' prodott jimplika l-osservanza tar-regoli dwar l-ittikkettjar għall-konsumatur, il-miżura prevista mir-rikorrenti tkun, fi kwalunkwe każ, ineffettiva, peress li l-prodotti inkwistjoni, meta jiġu importati minn Stati Membri oħra, xorta jistgħu jiġu kkummerċjalizzati lill-konsumatur Franċiż.

48. F'dan il-kuntest, inqis li ma huwiex iġġustifikat li Stat Membru jkun jista' jinvoka l-motiv tal-moralità pubblika sabiex jirrestrinġi unilateralment l-importazzjoni ta' ċerti prodotti minn Stati terzi (u b'hekk ifixkel iċ-ċirkulazzjoni fi ħdan l-Unjoni ta' dan il-prodott) bil-pretest li jirrimedja allegat ksur tal-istandards ta' kummerċjalizzazzjoni armonizzati tal-Unjoni.

[39] Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma rrikonoxxiet il-libertà tal-kummerċ internazzjonali, wieħed jista' tal-inqas jargumenta li t-Trattati jintroduċu wkoll fil-kuntest tal-politika kummerċjali esterna tal-Unjoni l-idea tal-istess tip ta' liberalizzazzjoni tal-ordinament tas-suq li beda l-proġett Ewropew *ab initio*. Insostenn ta' din it-teżi, ara Petersmann, E.-U., "National constitutions and international economic law", f'Hilf, M., and Petersmann, E.-U. (edituri), *National constitutions and international economic law*, Kluwer, Bielefeld, 1993, p. 24. Għal fehma opposta, ara Peers, S., "Fundamental right or political whim? WTO law and the European Court of Justice", f'de Burca, G., u Scott, J. (edituri), *The EU and the WTO: Legal and Constitutional Issues*, Bloomsbury Publishing, 2001, p. 129.

[40] Ara s-sentenza tat-30 ta' Mejju 2002, Expo Casa Manta (C-296/00, EU:C:2002:316, punt 34) (li għamlet analoġija ma' dispożizzjoni preċedenti għall-Artikolu 24 tar-Regolament Bażiku dwar l-Importazzjoni u għall-Artikolu 36 TFUE).

[41] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Jannar 1985, Association des Centres distributeurs Leclerc u Thouars Distribution (229/83, EU:C:1985:1, punt 30) (li tispjega li d-derogi għall-attwali Artikolu 36 TFUE għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv).

[42] Sabiex nuża l-formulazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Geelhoed f'Expo Casa Manta (C-296/00, EU:C:2002:28, punt 27).

[43] Sentenza tat-30 ta' Mejju 2002, Expo Casa Manta (C-296/00, EU:C:2002:316, punt 31).

49. It-tieni, is-superviżjoni doganali prevista mill-Artikolu 134(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ma taġixxix bħala setgħa awtonoma li tawtorizza lill-Istati Membri jintroduċu, b'mod partikolari, projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti.

50. Pjuttost, il-kunċett ta' sorveljanza doganali jipprevedi ċertu tip ta' status legali għall-prodotti importati fl-Unjoni. Huwa fuq il-bażi ta' dan l-istatus li l-awtoritajiet doganali nazzjonali sussegwentement iwettqu kontrolli doganali [44]. Dawn il-kontrolli jinkludu l-verifika tat-trattament impost fuq il-merkanzija inkwistjoni (pereżempju t-trattament tariffarju preferenzjali tagħha) u l-konformità mal-obbligi imposti fuq l-importatur ikkonċernat (pereżempju, il-ħlas tad-dazji doganali u tad-dazji tal-importazzjoni).

51. Barra minn hekk, it-tip ta' miżura kkontrollata mis-superviżjoni doganali għandu huwa stess jiġi stabbilit mid-dritt tal-Unjoni jew mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timplimenta. Dawn huma tipi ta' projbizzjonijiet u restrizzjonijiet li għalihom tirreferi t-tieni sentenza tal-Artikolu 134(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni [45].

52. Madankollu, fil-kawża ineżami, ir-rikorrenti ma tinvoka l-ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew tal-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni ta' Stat Membru li tagħti s-setgħa lil Franza tadotta l-miżuri mitluba mingħand il-Ministeri [46].

53. Għalhekk, minn dan isegwi li fihom innifishom, la l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u lanqas ir-Regolament Bażiku dwar l-Importazzjoni ma jistgħu jiġu invokati sabiex il-Gvern Franċiż jiġi awtorizzat jistabbilixxi projbizzjoni unilaterali ta' importazzjoni fuq ċerti prodotti li joriġinaw mit-territorju tas-Saħara tal-Punent talli ma jurux tikketta ta' pajjiż ta' oriġini korretta.

54. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi l-ewwel domanda fin-negattiv.

## B. Ir-raba' domanda

55. Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-regoli rilevanti dwar l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel tal-Unjoni għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, *fl-istadji tal-importazzjoni u tal-bejgħ lill-konsumatur*, l-imballaġġ tal-frott u tal-ħaxix maħsud fis-Saħara tal-Punent ma għandux jindika l-Marokk bħala pajjiż ta' oriġini, iżda għandu pjuttost jindika t-territorju tas-Saħara tal-Punent.

### *1. Ammissibbiltà*

56. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja, kemm il-Gvern Franċiż kif ukoll il-Kummissjoni jikkontestaw l-ammissibbiltà ta' din id-domanda. It-tnejn li huma jsostnu li s-soluzzjoni tat-tilwima quddiem il-qorti tar-rinviju hija limitata

[44] Il-kunċett ta' kontrolli doganali huwa ddefinit fl-Artikolu 5(3) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni bħala "atti speċifiċi magħmula mill-awtoritajiet doganali sabiex jiżguraw il-konformità mal-leġislazzjoni doganali u leġislazzjoni oħra li tirregola d-dħul, ħruġ, tranżitu, moviment, ħażna u użu aħħari ta' merkanzija trasportata bejn it-territorju doganali tal-Unjoni u pajjiżi jew territorji barra minn dak it-territorju, u l-preżenza u l-moviment fit-territorju doganali tal-Unjoni ta' merkanzija mhux tal-Unjoni u merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura tal-użu aħħari".

[45] Jiġifieri "projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet ġustifikati skont, *inter alia*, il-moralità pubblika, il-politika pubblika jew is-sigurtà pubblika".

[46] Iżda anki li kieku tali awtorizzazzjoni kienet teżisti, jiena nsostni li l-ġustifikazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom jistgħu jittieħdu tali miżuri, kif ukoll il-limiti ta' dawn il-miżuri, huma l-istess bħal dawk diskussi fil-punti 40 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet, bla ħsara għall-assenza ta' żnaturament tal-kompetenzi tal-Unjoni u tal-istituzzjonijiet tagħha (ara, fl-istess sens, il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-13/07, EU:C:2009:190, punt 83).

għad-determinazzjoni tal-legalità tad-deċiżjoni impliċita tal-Ministeri li ma jipprojbixxux unilateralment l-importazzjonijiet tal-prodotti inkwistjoni mit-territorju tas-Saħara tal-Punent. Is-soluzzjoni ta' din it-tilwima għalhekk ma teħtieġx li tingħata risposta għad-domanda dwar jekk prodotti importati mis-Saħara tal-Punent għandhomx jindikaw dan it-territorju bħala l-oriġini tagħhom.

57. Fil-fehma tiegħi, mit-talba tal-qorti tar-rinviju ma jirriżultax b'mod manifest li interpretazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel għall-prodotti inkwistjoni ma għandha l-ebda rabta mal-fatti attwali jew mal-għan tal-kawża prinċipali.

58. L-Artikolu 267 TFUE jistabbilixxi l-proċedura ta' kooperazzjoni diretta bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati tal-Istati Membri [47]. Fil-kuntest ta' din il-proċedura, li hija bbażata fuq separazzjoni netta tal-funzjonijiet, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina l-elementi tad-dritt tal-Unjoni li hija għandha bżonn għas-soluzzjoni tat-tilwima li jkollha quddiemha, peress li din il-qorti hija wkoll l-unika waħda responsabbli mid-deċiżjoni li għandha tittieħed [48]. Id-domandi magħmula mill-qorti nazzjonali jibbenefikaw għalhekk minn preżunzjoni ta' rilevanza, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, obbligata tagħti deċiżjoni [49].

59. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali fil-każ biss li jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni ta' regola tal-Unjoni mitluba ma jkollha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tagħti risposta utli għad-domandi li jkunu sarulha [50].

60. Fil-kawża ineżami, anki jekk l-ewwel domanda tirrigwarda biss il-projbizzjoni ta' importazzjonijiet, ma jidhirx b'mod ċar li l-miżura mfittxija quddiem il-qorti tar-rinviju ma kinitx intiża li tkopri kemm l-istadju tal-importazzjoni kif ukoll it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-konsumatur tal-prodotti kkonċernati fis-suq Franċiż. Ir-raba' domanda saret ukoll fid-digriet tar-rinviju b'mod li tirreferi għal dawn iż-żewġ stadji.

61. Għalkemm jiena tal-fehma li dawn iż-żewġ stadji ma jistgħux jiġu konfużi (ara wkoll il-punt 44 ta' dawn il-konklużjonijiet), huwa ċar li t-talba tar-rikorrenti, kemm jekk fondata u kemm jekk le, tirrigwarda wkoll is-sodisfazzjon tar-rekwiżiti tal-Unjoni fil-qasam tal-ittekkettjar tal-prodotti tal-ikel għall-prodotti inkwistjoni. Dan l-element jidher għalhekk utli għall-kompitu tal-qorti tar-rinviju li jikkonsisti f'li tiddeċiedi dwar il-legalità tad-deċiżjoni impliċita inkwistjoni. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tqis li hija għandha s-setgħa, skont id-dritt nazzjonali, li tippreskrivi *ex officio* l-miżura mitluba mir-rikorrenti, mingħajr ma tikkwalifika iktar is-sitwazzjonijiet li fihom din il-miżura tista' tiġi ordnata. Huwa wkoll għal din ir-raġuni li l-qorti tar-rinviju tqis neċessarju li tevalwa l-merti tal-każ tar-rikorrenti, li jestendi għad-domandi mqajma fir-raba' domanda.

62. Ir-raba' domanda hija għalhekk ammissibbli.

47 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Diċembru 1965, Singer (44/65, EU:C:1965:122, p. 971).

48 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 1981, Foglia (244/80, EU:C:1981:302, punt 15).

49 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 1999, Beck u Bergdorf (C-355/97, EU:C:1999:391, punt 22).

50 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et* (C-621/18, EU:C:2018:999, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

## *2. Fuq il-mertu*

63. Ir-raba' domanda hija fformulata b'tali mod li tistaqsi jekk id-dritt tal-Unjoni jimponix obbligi kemm negattivi kif ukoll pożittivi għall-ittikkettjar korrett tal-prodotti inkwistjoni meta dawn joriġinaw mit-territorju tas-Saħara tal-Punent. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-rekwiżiti tal-Unjoni fil-qasam tal-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel *jipprojbixxux* tikketta tal-pajjiż ta' oriġini li tinkludi/tindika r-Renju tal-Marokk u jekk dawn *jeżiġux*, minflok, l-indikazzjoni tat-territorju tas-Saħara tal-Punent bħala l-pajjiż ta' oriġini.

64. Nipproponi li r-regoli rilevanti tal-Unjoni fil-qasam tal-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel jirrikjedu fil-fatt li l-prodotti li joriġinaw mit-territorju tas-Saħara tal-Punent jindikaw dan it-territorju bħala l-pajjiż ta' oriġini tagħhom (l-obbligu pożittiv), bl-esklużjoni ta' riferimenti territorjali oħra (l-obbligu negattiv). Għaldaqstant, dawn il-prodotti ma jistgħu jagħmlu l-ebda riferiment għar-Renju tal-Marokk.

65. L-analiżi li ser twassalni għal din il-konklużjoni hija strutturata kif ġej: l-ewwel, ser nistabbilixxi li r-regoli ġenerali u/jew speċifiċi dwar l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel tal-Unjoni, kif japplikaw għall-prodotti inkwistjoni, jobbligaw, fl-ewwel lok, tikketta tal-pajjiż ta' oriġini (a). Sussegwentement, ser nippreċiża li t-territorju tas-Saħara tal-Punent jista' jiġi kkunsidrat bħala pajjiż ta' oriġini fis-sens ta' dawn ir-regoli (b). It-tielet, ser nispjega għaliex l-ommissjoni tas-Saħara tal-Punent bħala pajjiż ta' oriġini tal-prodotti inkwistjoni tirriskja li tqarraq bil-konsumaturi tal-Unjoni fl-għażliet tagħhom (c). Finalment, ser nikkunsidra jekk ir-regoli tal-Unjoni dwar l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel jipprojbixxux riferiment addizzjonali għar-Renju tal-Marokk (d).

### *a) Il-leġiżlazzjoni dwar l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel tal-Unjoni*

#### *1) Regoli ġenerali applikabbli għall-prodotti tal-ikel*

66. Ir-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi għandu l-għan li jagħti s-setgħa lill-konsumaturi permezz ta' informazzjoni "korretta, newtrali u oġġettiva" li "tippermetti lil dawn tal-aħħar jiddeċiedu b'għarfien sħiħ tal-kwistjoni" fir-rigward tal-prodotti tal-ikel li huma jikkonsmaw [51], u biex jipprevjeni kwalunkwe prattika li tista' tqarraq bil-konsumaturi [52]. Għal dan l-għan, huwa jirrikjedi "tikkettar ċar, komprensibbli u leġġibbli ta' prodotti tal-ikel" [53].

[51] Ara s-sentenza tat-13 ta' Jannar 2022, Tesco Stores ČR (C-881/19, EU:C:2022:15, punti 44 u 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[52] L-Artikolu 3(1) tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi jirrikonoxxi l-ispettru wiesa' ta' rekwiżiti li l-konsumatur tal-Unjoni jkollu għall-prodotti tal-ikel tiegħu. Huwa jispjega li "[l]-forniment tal-informazzjoni dwar l-ikel għandu jsegwi livell għoli ta' protezzjoni ta' saħħet il-konsumaturi u tal-interessi tagħhom billi jipprovdi bażi għall-konsumaturi finali biex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati […] b'mod partikolari fir-rigward ta' konsiderazzjonijiet sanitarji, ekonomiċi, ambjentali, soċjali u etiċi". Ara wkoll il-premessa 4 tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi.

[53] Premessa 9 tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi.

67. Parti mill-informazzjoni li (ġeneralment) trid tiġi pprovduta lill-konsumatur hija l-"pajjiż tal-oriġini" jew il-"post ta' provenjenza"[54]. Dan huwa l-post ta' provenjenza tal-prodott tal-ikel inkwistjoni[55].

68. Dan ir-rekwiżit huwa l-espressjoni tal-prinċipju ta' projbizzjoni ta' informazzjoni qarrieqa dwar l-ikel[56].

69. Ir-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi għalhekk jiffoka speċifikament fuq il-protezzjoni tal-konsumatur minn assenza ta' informazzjoni jew informazzjoni żbaljata li *tirriskja* li tqarraq bil-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott[57].

70. Ser nerġa' lura għall-importanza tal-element ta' riskju li l-konsumatur jitqarraq iktar 'il quddiem (punti 102 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet); madankollu, qabel kollox għandu jiġi ddeterminat liema rekwiżiti speċifiċi jirriżultaw mil-liġi dwar l-ittikkettjar tal-frott u tal-ħaxix għall-prodotti inkwistjoni fil-kawża ineżami.

*2) Rekwiżiti speċifiċi għall-frott u l-ħaxix*

71. Adottati bħala regoli addizzjonali għar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi[58], ir-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli u r-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix jistabbilixxu rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni għall-frott u l-ħaxix[59].

72. Ir-regoli tal-kummerċjalizzazzjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli għandhom jiġu osservati sabiex prodott ikun jista' jiġi kkummerċjalizzat lill-konsumaturi fis-suq tal-Unjoni[60]. Il-leġiżlatur tal-Unjoni jqis li l-osservanza ta' dawn l-istandards "hija […] fl-interess tal-produtturi, il-kummerċjanti u l-konsumaturi"[61].

73. Waħda mir-regoli tal-kummerċjalizzazzjoni stabbiliti fir-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli hija l-indikazzjoni tal-post tal-biedja u/jew l-oriġini[62].

54 Premessa 9(1)(i) tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi.

55 Ara, f'dan ir-rigward, id-definizzjoni fl-Artikolu 2(2)(g) tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi, li jiddefinixxi l-post ta' provenjenza bħala "kwalunkwe post minn fejn l-ikel hu indikat li ġej, u li mhuwiex il-'pajjiż tal-oriġini' kif determinat taħt l-Artikoli 23 sa 26 tar-[Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307]" L-Artikolu 2(3) tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi jispjega wkoll li "[għall]-finijiet ta' dan ir-Regolament il-pajjiż tal-oriġini ta' ikel għandu jirriferi għall-oriġini ta' ikel kif iddeterminata skont l-Artikoli 23 sa 26 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92." Ir-regoli li kienu preċedentement stabbiliti fl-Artikoli 23 sa 26 tar-Regolament Nru 2913/92 issa jinsabu fl-Artikoli 59 sa 63 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

56 Kif previst fl-Artikolu 7 tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi.

57 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Novembru 2019, Organisation juive européenne u Vignoble Psagot (C-363/18, EU:C:2019:954, punt 25; iktar 'il quddiem "Vignoble Psagot").

58 L-Artikolu 1(4) tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi jispjega li dan japplika "mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' tikkettar previsti f'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni applikabbli għal ikel partikolari".

59 Skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli, bl-eċċezzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, ir-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli japplika għall-prodotti kollha elenkati fl-Anness I għat-Trattati. Dan tal-aħħar, min-naħa tiegħu, jinkludi ħarsa ġenerali magħżula lejn il-kapitoli ta' dak li issa evolva fin-Nomenklatura Magħquda (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382).

60 Ara l-Artikolu 74 tar-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli.

61 Il-premessa 64 tar-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli.

62 Ara l-Artikolu 75(3)(j) u l-Artikolu 76(1) tar-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli.

74. Din l-indikazzjoni hija meħtieġa għall-frott u l-ħaxix li huma maħsuba għall-bejgħ frisk lill-konsumatur [63].

75. Ir-rekwiżit li tiġi indikata l-oriġini tal-frott u l-ħaxix japplika fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni, inkluża l-importazzjoni tal-frott u l-ħaxix [64]. Negozjant tal-frott u tal-ħaxix ma jistax "joffrihom għall-bejgħ, jew iqassamhom jew jikkummerċjalizzahom bi kwalunkwe mod ieħor fl-Unjoni ħlief f'konformità ma' dawk l-istandards" [65].

76. Ir-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli huwa sussegwentement implimentat bir-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix [66], li jistabbilixxi fid-dettall l-istandards ġenerali u speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni għall-frott u l-ħaxix [67].

77. It-tadam cherry huwa suġġett għal standards speċifiċi ta' kummerċjalizzazzjoni [68]. Dawn jinkludu tikketta tal-pajjiż ta' oriġini obbligatorja [69]. Din it-tikketta tista' tiġi kkomplementata minn speċifikazzjoni fakultattiva tad-"distrett fejn [it-tadam] ikun tkabbar, jew isem il-post nazzjonali, reġjonali jew lokali" [70].

78. Il-bettieħ tal-varjetà Charentais huwa suġġett għall-istandards ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix [71]. Dan, ukoll, jeħtieġ tikketta tal-pajjiż ta' oriġini obbligatorja [72]. Madankollu, għall-kuntrarju tal-każ tat-tadam cherry, dan ir-regolament ma jirreferix għaż-żieda ta' speċifikazzjoni iktar iddettaljata.

79. Dawn ir-rekwiżiti huma suġġetti għal kontrolli tal-konformità, li għandhom japplikaw fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni [73].

80. Kif spjegat il-Kummissjoni waqt is-seduta, il-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' konformità twassal għall-projbizzjoni tal-moviment ta' prodotti mhux konformi mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-korp ta' kontroll kompetenti. Dawn il-prodotti mbagħad għandhom jinġiebu f'konformità

63 Ara l-Artikolu 75(1)(b) tar-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli.

64 Ara l-Artikolu 76(2) tar-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli.

65 Ara l-Artikolu 76(3) tar-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli.

66 Ara l-Artikolu 1(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix.

67 Ara l-Artikolu 1(1) u 3(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix. Il-parti A tal-Anness I ta' dan ir-regolament tistabbilixxi d-dettalji tal-istandards ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni ta' dawn il-prodotti.

68 Ara l-Artikolu 3(2)(j) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix, li jistipula li l-istandards speċifiċi tal-kummerċjalizzazzjoni inklużi fil-Parti B tal-Anness I ta' dak ir-regolament għandhom japplikaw għat-"tadam". It-Taqsima I tal-Parti 10, tal-Parti B, tal-Anness I, sussegwentement tistabbilixxi li l-kunċett ta' tadam jinkludi wkoll it-tadam "cherry".

69 Ara l-Ittra C, tat-Taqsima VI, tal-Parti 10, tal-Parti B, tal-Anness I tar-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix. Għal dan l-għan, nota ta' qiegħ il-paġna tispeċifika li "[għandu] jiġi indikat l-isem sħiħ jew dak li l-iktar jintuża".

70 *Ibid.*

71 Ara t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix, li jispjega li "[l]-frott u l-ħaxix li mhux kopert minn standard speċifiku tal-kummerċjalizzazzjoni għandu jikkonforma mal-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni". L-istandard ġenerali tal-kummerċjalizzazzjoni msemmi f'din id-dispożizzjoni huwa stabbilit fil-Parti A tal-Anness I tal-istess regolament.

72 Ara l-Parti 4, tal-Parti A, tal-Anness I tar-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix. Għal darba oħra, nota ta' qiegħ il-paġna tispeċifika li "[għandu] jiġi indikat l-isem sħiħ jew dak li l-iktar jintuża".

73 Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikoli 8 u 11 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix. L-Artikolu 11(3) tal-istess regolament jistabbilixxi wkoll li, "[f]'każijiet fejn il-verifiki juru irregolaritajiet sinifikanti, l-Istati Membri għandhom iżidu l-frekwenza tal-verifiki marbutin man-negozjanti, il-prodotti, l-oriġini, jew il-parametri l-oħrajn ikkonċernati". Il-kontrolli tal-konformità huma neċessarji, b'mod partikolari, minħabba li l-"pajjiż tal-oriġini" rilevanti għandu jkun immarkat "b'mod leġġibbli" u "li ma jitħassarx" u għandu jkun viżibbli minn barra, stampat direttament fuq il-pakkett, b'tikketta li tifforma parti integrali mill-pakkett, jew tkun imwaħħla miegħu.

mar-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix. Jekk dan ma jkunx possibbli, l-awtoritajiet rilevanti jistgħu jirrikjedu li l-prodotti jintbagħtu għall-għalf, l-ipproċessar industrijali, kwalunkwe użu ieħor mhux tal-ikel, jew saħansitra għal skopijiet ta' qerda [74].

81. Minn dan isegwi li l-istandards ta' kummerċjalizzazzjoni ġenerali u speċifiċi applikabbli għall-prodotti inkwistjoni jobbligaw l-ittikkettjar tal-pajjiż ta' oriġini ta' dawn il-prodotti.

### *b) Is-Saħara tal-Punent bħala l-pajjiż ta' oriġini tal-frott u tal-ħaxix imkabbra f'dan it-territorju*

82. L-ispjegazzjoni msemmija iktar 'il fuq dwar ir-regoli ġenerali u speċifiċi applikabbli għall-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel tal-Unjoni tagħmilha ċara li l-leġiżlatur tal-Unjoni jobbliga li l-prodotti inkwistjoni jindikaw il-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

83. Għall-finijiet tal-kawża ineżami, dan naturalment iqajjem il-kwistjoni dwar jekk it-territorju mhux awtonomu tas-Saħara tal-Punent jikkostitwixxix pajjiż ta' oriġini fis-sens ta' dawn ir-regoli.

84. F'dan ir-rigward, nosserva li, bħal fir-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi u r-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix ma jistabbilixxix definizzjoni ta' "pajjiż tal-oriġini" [75].

85. Madankollu, il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li jinkludi regoli speċifiċi dwar id-determinazzjoni tal-oriġini mhux preferenzjali tal-merkanzija, jestendi espressament ir-regoli tiegħu dwar dan l-aspett għal miżuri oħra tal-Unjoni li jirreferu għall-oriġini tal-merkanzija [76].

86. Kif spjegat il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tar-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli, dan jinkludi r-rekwiżit tal-kummerċjalizzazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini [77].

87. Inqis li l-istess japplika għar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi u għar-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix. Wara kollox, dan huwa dak li jeħtieġ qari uniformi, effettiv u konsistenti tal-indikazzjoni tar-rekwiżit tal-pajjiż ta' oriġini fil-qasam tal-ittikkettjar [78].

88. Minn dan isegwi li l-ittikkettjar tal-pajjiż ta' oriġini fid-diversi regolamenti tal-Unjoni dwar il-prodotti tal-ikel applikabbli fil-kawża ineżami għandu jiġi interpretat b'riferiment għar-regoli u għad-denominazzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

74 Ara l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Frott u l-Ħaxix.

75 Fir-rigward tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi u r-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet l-assenza ta' tali definizzjoni fis-sentenza tal-4 ta' Settembru 2019, Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs Frankfurt am Main (C-686/17, EU:C:2019:659, punt 46).

76 Ara l-Artikolu 59(c) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li jistabbilixxi li l-artikoli relatati mal-akkwist u l-prova tal-oriġini (l-Artikoli 60 u 61 tiegħu) "jistabbilixxu r-regoli għad-determinazzjoni tal-oriġini mhux preferenzjali tal-merkanzija għall-għanijiet tal-applikazzjoni […] miżuri oħrajn tal-Unjoni marbutin mal-oriġini tal-merkanzija".

77 Ara s-sentenza tal-4 ta' Settembru 2019, Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs Frankfurt am Main (C-686/17, EU:C:2019:659, punt 46).

78 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2019, Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs Frankfurt am Main (C-686/17, EU:C:2019:659, punt 50) (li tispjega li "[fil]-fatt, l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini għandha, sabiex tagħti l-effettività kollha tagħhom għad-dispożizzjonijiet korrispondenti u għal raġunijiet ta' koerenza, tkun ibbażata fuq l-istess definizzjonijiet, sew jekk fil-qasam doganali, sew jekk f'dak agrikolu jew ta' protezzjoni tal-konsumaturi").

89. Skont l-Artikolu 60 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, il-merkanzija miksuba kollha kemm hi f'"pajjiż" jew f'"territorju" speċifiku titqies li toriġina minn dan il-pajjiż jew territorju.

90. Il-prodotti tal-ħaxix maħsuda f'"pajjiż" jew "territorju" jitqiesu li nkisbu kompletament minn hemm [79]. Għaldaqstant huma kkunsidrati bħala li joriġinaw minn dan it-territorju [80].

91. Fis-sentenza Vignoble Psagot, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kunċett ta' "territorju" bħala li jinkludi kull entità li ma taqax taħt il-kategorija ta' "pajjiż" jew "Stat" [81], bħal "spazji ġeografiċi li, filwaqt li jinsabu taħt il-ġurisdizzjoni jew taħt ir-responsabbiltà internazzjonali ta' Stat, ikollhom xorta waħda, fid-dawl tad-dritt internazzjonali, status individwali u distint minn dak ta' dan l-Istat" [82].

92. Fis-sentenzi tagħha Il-Kunsill vs Front Polisario u Western Sahara Campaign UK, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li t-territorju tas-Saħara tal-Punent jikkostitwixxi territorju distint għall-għanijiet tad-dritt internazzjonali pubbliku, u huwa distint mit-territorju tar-Renju tal-Marokk [83].

93. It-territorju tas-Saħara tal-Punent għandu għalhekk jiġi ttrattat bħala territorju doganali distint għall-għanijiet tal-Artikolu 60 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

94. Kif spjegat il-Kummissjoni waqt is-seduta, dan l-istatus huwa diġà rrikonoxxut fir-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-istatistika tal-kummerċ barrani billi huwa attribwit lit-territorju tas-Saħara tal-Punent il-kodiċi ta' oriġini tiegħu stess (EH) [84]. Huwa dan il-kodiċi li tadotta t-tariffa doganali tal-Unjoni (TARIC) [85], li l-importaturi ta' prodotti li joriġinaw fit-territorju tas-Saħara tal-Punent għandhom jelenkaw fid-dikjarazzjoni doganali tagħhom u li insostenn tiegħu għandhom jipprovdu dikjarazzjoni tal-oriġini.

95. Minn dan isegwi li l-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini, kif jinsab fid-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel, jinkludi wkoll it-territorju tas-Saħara tal-Punent.

96. Il-prodotti inkwistjoni fil-kawża ineżami, peress li nkisbu kompletament mit-territorju tas-Saħara tal-Punent, għandhom għalhekk jiġu ttikkettjati bħala tali.

97. Din il-konklużjoni ma hijiex affettwata mill-fatt li, fil-prattika, Stat terz – f'dan il-każ ir-Renju tal-Marokk – huwa kkunsidrat mill-Unjoni bħala li assuma r-responsabbiltà (*de facto*) li jamministra t-territorju tas-Saħara tal-Punent (jew tal-inqas il-partijiet li fuqhom huwa għandu

79 Ara l-Artikolu 31(b) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2015, L 343, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 87, p. 35, fil-ĠU 2017, L 101, p. 164, fil-ĠU 2018, L 75, p. 41 u fil-ĠU 2021, L 382, p. 60).

80 Fil-kawża ineżami, ma huwiex ikkontestat li l-prodotti inkwistjoni jinħasdu fit-territorju tas-Saħara tal-Punent.

81 Vignoble Psagot, punt 30. Fl-istess sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kunċett ta' "pajjiż" bħala sinonimu mal-kunċett ta' "Stat", li jirreferi għal "entità sovrana li teżerċita, fi ħdan il-fruntieri ġeografiċi tagħha, il-ġurisdizzjoni kollha rrikonoxxuta mid-dritt internazzjonali" (ara l-punti 28 u 29).

82 Ara Vignoble Psagot, punt 31. Kif issostni r-rikorrenti, huwa fuq din il-bażi li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha Vignoble Psagot estendiet ir-rekwiżit ta' ttikkettjar korrett tal-oriġini għal "territorju okkupat mill-Istat ta' Iżrael", jiġifieri x-Xatt tal-Punent, inkluża Ġerusalem tal-Lvant, u l-Għoljiet tal-Golan.

83 Il-Kunsill vs Front Polisario, punt 107, u Western Sahara Campaign UK, punti 64 u 69.

84 Ara l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1470 tat-12 ta' Ottubru 2020 dwar in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija u dwar it-tqassim ġeografiku għal statistika oħra tan-negozju (ĠU 2020, L 334, p. 2, rettifika fil-ĠU 2021, L 104, p. 55).

85 Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382).

l-kontroll). Għall-finijiet tal-importazzjonijiet fl-Unjoni, huma għalhekk l-awtoritajiet Marokkini li jivverifikaw u jiċċertifikaw l-oriġini tal-prodotti li jiddikjaraw l-oriġini tagħhom mit-territorju tas-Saħara tal-Punent.

98. Kif spjegat mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, dan l-arranġament ġie stabbilit peress li t-territorju mhux awtonomu tas-Saħara tal-Punent ma għandux awtoritajiet doganali (irrikonoxxuti) tiegħu stess għall-kontroll tal-istatus tal-oriġini tal-prodotti mmanifatturati jew ikkultivati f'dan it-territorju [86].

99. Kif nispjega fil-konklużjonijiet tiegħi tal-lum f'Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Front Polisario, l-involviment ma' territorju mhux awtonomu jirrispetta kemm l-istatus attwali tad-dritt internazzjonali kif ukoll ir-realtà prattika, mingħajr, madankollu, ma jidħol fil-kwistjoni (politika) tar-rikonoxximent tal-Istat [87]. Dan, madankollu, ma jbiddel xejn fir-rigward tal-konklużjoni li s-Saħara tal-Punent jikkostitwixxi territorju distint għal finijiet doganali.

100. Għaldaqstant għandu jiġi konkluż li l-prodotti inkwistjoni mkabbra fit-territorju tas-Saħara tal-Punent għandhom, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-prodotti tal-ikel applikabbli, jiġu ttikkettjati bħala li joriġinaw minn dan it-territorju.

### *c) L-ommissjoni ta' riferiment għat-territorju tas-Saħara tal-Punent tqarraq bil-konsumatur*

101. Wara li ġie stabbilit li r-regoli tal-Unjoni dwar l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel għall-frott u l-ħaxix jobbligaw li l-prodotti inkwistjoni jindikaw il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, u wara li ġie kkonfermat li l-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini jinkludi wkoll it-territorju mhux awtonomu tas-Saħara tal-Punent, jista' jiġi konkluż li dawn il-prodotti għandu jkollhom l-indikazzjoni tas-Saħara tal-Punent bħala pajjiż ta' oriġini. Il-kwistjoni addizzjonali li għandha tiġi riżolta hija għalhekk dik dwar jekk l-ommissjoni ta' riferiment għal dan it-territorju tistax tqarraq bil-konsumatur tal-Unjoni.

102. Kif irrilevajt fil-punt 69 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-għan tad-dettalji informattivi indikati fuq il-prodotti tal-ikel tal-Unjoni dwar l-ittikkettjar tal-pajjiż ta' oriġini huwa li jipproteġu lill-konsumatur, b'tali mod li dan tal-aħħar ma jkunx (f'riskju li jiġi) "żgwidat" dwar l-oriġini vera tal-prodott [88].

[86] Huwa wkoll għal din ir-raġuni li l-Kunsill u l-Kummissjoni jsostnu li huma prattikament ma jistgħux jikkonkludu ftehim kummerċjali distint mat-territorju tas-Saħara tal-Punent. Qabbel dan mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-PLO (approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 1997 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Proviżorju ta'Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranja dwar il-kummerċ u koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Organizzazzjoni għall-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju ta' l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 26, p. 122), li, skont l-Artikolu 16(4) tal-Protokoll tiegħu, jipprevedi li għandu jinħareġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 mill-awtoritajiet doganali tax-Xatt tal-Punent u tal-Medda ta' Gaza jekk il-prodotti għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw mix-Xatt tal-Punent u mill-Medda ta' Gaza u jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra għall-esportazzjoni. Ara wkoll is-sentenza tal-25 ta' Frar 2010, Brita (C-386/08, EU:C:2010:91, punti 50 sa 52) (li tispjega li l-awtoritajiet doganali tax-Xatt tal-Punent u tal-Medda ta' Gaża huma kompetenti fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw mix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, bl-esklużjoni tal-kompetenza tal-awtoritajiet doganali Iżraeljani).

[87] Ara, bl-istess mod u b'analoġija, il-prova li r-rikonoxximent tal-Istat jista' jiġi sseparat miċ-ċertifikazzjoni tal-oriġini, l-Artikolu 46 u l-Protokoll III tal-Ftehim ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda u l-Kosovo *, min-naħa l-oħra (ĠU 2016, L 71, p. 3), li jipprevedi regoli għad-determinazzjoni tal-oriġini għall-prodotti li joriġinaw minn dan it-territorju. L-asterisk fl-isem jirreferi għad-dikjarazzjoni segwenti fin-nota ta' qiegħ il-paġna tal-ftehim: "Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/99 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo."

[88] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Vignoble Psagot, punt 25.

103. Għalkemm ma hijiex il-mutur prinċipali tal-imġiba tal-konsumatur [89], it-tikketta tal-pajjiż ta' oriġini ta' prodott tinfluwenza d-deċiżjonijiet tax-xiri [90].

104. L-ebda żewġ konsumaturi ma huma l-istess. Xi wħud jistgħu jkunu kkonċernati ħafna dwar l-oriġini tal-prodotti tagħhom. Xi wħud jistgħu lanqas biss jagħtu daqqa t'għajn lejn il-provenjenza tax-xiri tagħhom.

105. Kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, l-evalwazzjoni tar-riskju li l-konsumatur jiġi żgwidat tieħu inkunsiderazzjoni l-konsumatur medju, jiġifieri, dak "normalment informat u raġonevolment attent u avżat fir-rigward tal-oriġini, il-provenjenza, il-kwalità marbuta mal-prodott tal-ikel" [91].

106. L-Artikolu 3(1) tar-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi, jipprevedi li l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumatur, inkluża informazzjoni dwar l-oriġini ta' prodott, għandha tippermetti lil dan il-konsumatur "[jagħmel] għażliet infurmati" influwenzati, *inter alia*, minn "konsiderazzjonijiet […] etiċi" [92].

107. Wieħed jista' jaħseb li konsumatur raġonevolment informat u avżat jista' jqis importanti li jkun jaf li prodott joriġina mis-Saħara tal-Punent. Madankollu, il-kwistjoni dwar kif l-informazzjoni dwar l-oriġini ta' prodott li joriġina mis-Saħara tal-Punent tista' tinfluwenza d-deċiżjoni ta' xiri ta' konsumatur hija suġġettiva għal dan il-konsumatur biss [93].

108. Din id-deċiżjoni ma hijiex neċessarjament marbuta mal-pożizzjoni newtrali tal-Unjoni fir-rigward tar-riżoluzzjoni tal-istatus futur tat-territorju tas-Saħara tal-Punent.

109. Fl-istess ħin, mingħajr l-informazzjoni li prodott joriġina mis-Saħara tal-Punent, konsumatur raġonevolment informat u avżat jista' jiġi mqarraq fir-rigward tal-oriġini vera tal-prodott li huwa jiddeċiedi li jixtri.

110. Kif jistgħu jiġu rrikonċiljati dawn il-pożizzjonijiet legali u politiċi?

111. Huwa ċar li, fil-kuntest tal-kwistjoni dwar jekk jeżistix riskju li konsumatur jista' jiġi mqarraq b'indikazzjonijiet skorretti dwar il-pajjiż ta' oriġini, il-qorti nazzjonali li tiddeċiedi din il-kwistjoni ma għandhiex bżonn, peress li fil-fatt ma tkunx tista', tieħu inkunsiderazzjoni l-preferenzi etiċi differenti possibbli tal-konsumaturi.

89 Rapport tal-Kummissjoni tal-2015 ikkonstata li, "fost l-aspetti li jinfluwenzaw l-imġiba tal-konsumatur, it-tikkettar tal-oriġini jiġi wara fatturi bħall-prezz, it-togħma, id-dati 'użu sa'/'l-aħjar qabel', il-konvenjenza u/jew id-dehra". Ara r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza ta' ikel mhux ipproċessat, ta' prodotti b'ingredjent uniku u ta' ingredjenti li jirrappreżentaw iktar minn 50 % ta' prodott tal-ikel (COM(2015) 204 final); iktar 'il quddiem ir-"Rapport tal-Kummissjoni tal-2015").

90 Skont l-Ewrobarometru Speċjali Nru 389 tal-2012 tal-Kummissjoni dwar l-attitudni tal-Ewropej lejn is-sigurtà tal-ikel, il-kwalità tal-ikel u l-kampanja (disponibbli fuq: https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/1054), "maġġoranza sostanzjali (71 %) tgħid li l-oriġini tal-ikel huwa importanti" [traduzzjoni libera] (p. 4), u l-oriġini ġiet irrapportata bħal waħda mit-tliet fatturi li l-maġġoranza taċ-ċittadini tal-Unjoni tieħu inkunsiderazzjoni fix-xiri tal-ikel (p. 16).

91 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, Severi (C-446/07, EU:C:2009:530, punt 61).

92 Din l-għażla tista' tkun ukoll deċiżjoni ta' "votazzjoni bit-trolley", billi wieħed jixtri, jew jirrifjuta li jixtri prodotti mill-partijiet tad-dinja li magħhom konsumatur għandu kwistjonijiet politiċi, ambjentali, kulturali jew oħrajn. L-espressjoni "votazzjoni bit-trolley" hija meħuda minn artiklu ta' *The Economist* sabiex tispjega l-prattika tal-konsumaturi li jesprimu l-opinjonijiet politiċi tagħhom permezz tad-deċiżjonijiet tax-xiri tagħhom. Ara "Voting with your trolley: Can you really change the world just by buying certain foods?', *The Economist*, Rapport speċjali, 7 ta' Diċembru 2006.

93 Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Hogan f'Organisation juive européenne u Vignoble Psagot (C-363/18, EU:C:2019:494, punti 47 sa 49).

112. Fil-fehma tiegħi, l-eżami li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jistabbilixxi huwa ħafna iktar oġġettiv.

113. Il-mistoqsija li għandha tistaqsi qorti hija sempliċiment: jeżisti riskju li tista' tirriżulta deċiżjoni ta' xiri informata ħażin minn prodott li fuqu huwa indikat pajjiż ta' oriġini li jirreferi għat-Territorju X, meta, fil-fatt, dan il-prodott joriġina mit-territorju Y [94]?

114. It-tweġiba hija iva: tikketta li tissuġġerixxi li l-ikel joriġina minn post li ma jkunx il-post tal-oriġini vera tiegħu tista' tqarraq bil-konsumatur dwar (dak li d-dritt tal-Unjoni jqis bħala) l-oriġini oġġettivament korretta ta' dak il-prodott [95].

115. Fil-kawża ineżami, tikketta li tissuġġerixxi li prodott huwa ta' oriġini Marokkina, filwaqt li dan il-prodott pjuttost joriġina mit-territorju tas-Saħara tal-Punent, hija għalhekk qarrieqa għall-konsumatur.

116. Tali tikketta ma tkunx konformi mar-rekwiżit ġenerali ta' għajnuna lill-konsumatur biex "jagħżel b'mod informat" ix-xiri tiegħu, li jista' jkun relatat ma' elementi ta' natura etika, u lanqas ma jirrifletti b'mod adegwat il-pożizzjoni politika attwali tal-Unjoni.

117. Fuq din il-bażi, nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-parti tar-raba' domanda dwar l-obbligu pożittiv fil-qasam tal-ittikkettjar għandha tispjega li r-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi, ir-Regolament dwar il-Prodotti Agrikoli u r-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix jeħtieġu li l-prodotti inkwistjoni jkollhom tikketta tal-pajjiż ta' oriġini li tirrifletti l-provenjenza tagħhom mit-territorju tas-Saħara tal-Punent.

### *d) Huwa possibbli li jsir riferiment għar-Renju tal-Marokk?*

118. Il-konklużjoni preċedenti tħalli xi spazju għal riferiment addizzjonali għar-Renju tal-Marokk?

119. F'Vignoble Psagot, invokata fil-kawża ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tispjega jekk l-indikazzjoni korretta tat-territorju ta' oriġini (f'dik il-kawża, l-Għoljiet tal-Golan, jew ix-Xatt tal-Punent) tistax titqies bħala insuffiċjenti fiha nnifisha biex tipprovdi dettalji informattivi korretti lill-konsumatur dwar il-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti li joriġinaw minn dak it-territorju.

120. Għalhekk wieħed jista' jistaqsi jekk iż-żieda tar-"Renju tal-Marokk" mal-ittikkettjar tal-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti li joriġinaw mit-territorju tas-Saħara tal-Punent tipprovdix ukoll informazzjoni oġġettivament korretta lill-konsumatur tal-Unjoni.

121. Is-sitwazzjoni speċifika fiż-żona ġeografika li fuqha hija bbażata s-sentenza Vignoble Psagot, li fiha ċerti partijiet tar-Repubblika Għarbija Sirjana (l-Għoljiet tal-Golan) jew tat-territorju Palestinjan (ix-Xatt tal-Punent, inkluż Ġerusalem tal-Lvant) li minnhom joriġinaw il-prodotti inkwistjoni f'dik il-kawża kienu okkupati minn "insedjamenti Iżraeljani", wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonkludi li l-ommissjoni ta' informazzjoni addizzjonali dwar il-post hija ta' natura li tqarraq bil-konsumatur [96].

94 Fil-fatt, l-evalwazzjoni li għandha tagħmel qorti meta d-dettalji informattivi żbaljati jirrigwardaw il-piż jew il-maturità approssimattiva tal-frott jew tal-ħaxix inkwistjoni hija l-istess bħal dik fir-rigward tal-indikazzjoni tal-provenjenza tagħhom.

95 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Vignoble Psagot, punt 51.

96 Ara s-sentenza Vignoble Psagot, punt 51.

122. Għalhekk, mingħajr indikazzjoni tal-post ta' provenjenza vera, il-konsumaturi jistgħu jingħataw x'jifhmu (jiġu mqarrqa) li, fil-każ tax-Xatt tal-Punent (inkluża Ġerusalem tal-Lvant), prodott ikun ġej minn produttur Palestinjan jew, fil-każ tal-Għoljiet tal-Golan, minn produttur Sirjan [97].

123. Sempliċi riferiment għall-"insedjament Iżraeljan" ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi evitat dan it-tip ta' nuqqas [98].

124. Iċ-ċirkustanzi ta' dritt u ta' fatt, kif ukoll il-kwistjoni li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja, huma differenti fil-kawża ineżami.

125. It-territorju tas-Saħara tal-Punent huwa territorju distint għall-finijiet tal-indikazzjoni tal-oriġini għal finijiet doganali u ta' ttikkettjar.

126. Huwa minnu li, attwalment, huma biss l-awtoritajiet Marokkini li jistgħu – u huma rrikonoxxuti mill-Unjoni li għandhom l-awtorità biex – jivverifikaw l-oriġini ta' prodott bħala li joriġina mit-territorju tas-Saħara tal-Punent (ara l-punti 97 u 98 ta' dawn il-konklużjonijiet).

127. Madankollu, dan ma jfissirx li l-oriġini ta' prodott li ġej mis-Saħara tal-Punent tinbidel meta sseħħ din it-tip ta' ċertifikazzjoni.

128. F'Vignoble Psagot, il-kwistjoni mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx jekk setgħux jiġu indikati *żewġ pajjiżi jew territorji*, iżda pjuttost jekk *l-indikazzjoni tal-"post ta' provenjenza" iktar iddettaljata* tistax tiżdied mal-informazzjoni dwar il-pajjiż/territorju ta' oriġini – minkejja l-konġunzjoni "jew" bejn it-termini "pajjiż tal-oriġini" u "post ta' provenjenza" fir-Regolament dwar l-Għoti ta' Informazzjoni dwar l-Ikel lill-Konsumaturi.

129. Fid-dawl tal-fatt li l-komunità internazzjonali u l-Unjoni kienu oġġezzjonaw għall-insedjamenti Iżraeljani f'dawn it-territorji, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li n-nuqqas ta' indikazzjoni tal-provenjenza reali tal-merkanzija li toriġina minn dawn l-insedjamenti jċaħħad lill-konsumaturi milli jieħdu deċiżjoni informata dwar ix-xiri [99].

130. Fil-kawża ineżami, madankollu, iż-żieda tal-indikazzjoni "Renju tal-Marokk" mal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti inkwistjoni ma tispjegax b'mod iktar ċar il-post ta' provenjenza tagħhom.

131. L-ewwel, informazzjoni ta' dan it-tip ma hijiex oġġettivament korretta.

132. It-tieni, konsumatur informat tajjeb u avżat jista' jiddeduċi l-informazzjoni neċessarja dwar l-oriġini tal-prodotti inkwistjoni jekk tiġi indikata biss is-Saħara tal-Punent bħala pajjiż ta' oriġini.

97 Ara s-sentenza Vignoble Psagot, punt 49.

98 Ara s-sentenza Vignoble Psagot, punt 50.

99 Ara, f'dan is-sens, Vignoble Psagot, punti 48 sa 51.

133. Tkun xi tkun il-pożizzjoni suġġettiva ta' konsumatur fir-rigward tal-preżenza tar-Renju tal-Marokk fit-territorju tas-Saħara tal-Punent, iż-żieda tal-indikazzjoni "Renju tal-Marokk" ma' prodotti li ma joriġinawx minnu tista' għalhekk tqarraq bil-konsumatur preċiżament "għaliex ma tirriflettix il-verità kollha" [100] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

134. Finalment, kif spjegat il-Kummissjoni waqt is-seduta, il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini, kif mifhum fl-istandards ta' kummerċjalizzazzjoni ġenerali u speċifiċi applikabbli għall-prodotti inkwistjoni [101], jeħtieġ denominazzjoni *unika* tal-pajjiż ta' oriġini [102].

135. L-ewwel, inqis li dan jirriżulta mill-użu tat-terminu "pajjiż" fis-singular fit-test u fil-premessi tar-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix [103].

136. It-tieni, dan l-approċċ huwa bbażat fuq il-loġika ġenerali li fuqha hija bbażata d-determinazzjoni tal-"oriġini" skont l-Artikolu 60 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni. Skont din id-dispożizzjoni, "[merkanzija] ottenuta kollha kemm hi f'pajjiż jew territorju wieħed" [104] tista' toriġina biss minn pajjiż jew territorju wieħed [105].

137. Minn din il-perspettiva, l-istess raġunijiet ta' interpretazzjoni konsistenti li jappoġġjaw allinjament tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "oriġini" fid-dritt tal-Unjoni dwar l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel mar-regoli applikabbli għall-istatistika doganali u tal-kummerċ barrani għandhom ukoll jimmilitaw favur l-adozzjoni ta' fehim simili fir-rigward tas-*singularità* tal-oriġini fil-qasam tal-ittikkettjar.

138. Jekk dawn ir-regoli jiġu segwiti, il-prodotti li joriġinaw mit-territorju tas-Saħara tal-Punent għandhom jiġu ttikkettjati bħala tali, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe provenjenza oħra.

139. Dan ir-raġunament huwa appoġġjat mill-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni waqt is-seduta, li aċċettat li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli twassal għall-konklużjoni li huwa żbaljat li l-prodotti inkwistjoni jiġu ttikkettjati bħala li joriġinaw mir-Renju tal-Marokk.

100 Biex nuża l-kliem tal-Avukat Ġenerali Mischo fil-konklużjonijiet tiegħu f'Gut Springenheide u Tusky (C-210/96, EU:C:1998:102, punt 78), li fihom huwa għamel ukoll distinzjoni bejn l-"informazzjoni oġġettivament korretta; informazzjoni oġġettivament skorretta; [u] informazzjoni li tkun oġġettivament korretta iżda li tista' tqarraq bil-konsumatur minħabba li ma tirriflettix il-verità kollha" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

101 Kif ġie diskuss fil-punti 66 sa 81 ta' dawn il-konklużjonijiet.

102 Għall-kompletezza, din ir-regola tapplika wkoll fil-każ ta' frott u ħaxix imħallta li joriġinaw minn iktar minn pajjiż terz wieħed, fejn jiżdied riferiment ġenerali dwar l-oriġini (bħal "taħlita ta' frott u ħaxix li mhux mill-UE"; ara l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix jew fejn ikollu jidher kull "pajjiż tal-oriġini" individwali ħdejn l-isem tal-frott jew ħaxix ikkonċernat (ara, pereżempju, fil-każ ta' taħlita ta' tadam ta' oriġini differenti, il-punt 4 tal-Parti A tal-Anness I u l-punt C tat-Taqsima VI tal-Parti 10 tal-Parti B tal-Anness I tal-istess regolament).

103 Ara, pereżempju, il-premessi 4 u 49 u l-Artikolu 5(4) u 6(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix. Ara wkoll il-Parti 4 tal-Parti A tal-Anness I u l-punt C tat-Taqsima VI tal-Parti 10 tal-Parti B tal-Anness I tal-imsemmi anness, li wkoll jużaw il-"pajjiż" ta' oriġini fis-singular.

104 Artikolu 60(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

105 Dan sakemm il-frott u l-ħaxix f'taħlita ma joriġinawx minn iktar minn pajjiż terz wieħed. Ara l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Frott u l-Ħaxix.

140. Madankollu, kif spjegat ukoll il-Kummissjoni, fil-kuntest tal-proċess ta' awtodeterminazzjoni li għaddej f'dan it-territorju, ma għandu jiġi eskluż l-ebda eżitu, peress li l-Unjoni adottat pożizzjoni newtrali fuq il-futur tat-territorju tas-Saħara tal-Punent [106].

141. L-indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini ta' prodott li joriġina mit-territorju tas-Saħara tal-Punent bħala "Renju tal-Marokk" ħdejn l-indikazzjoni tas-"Saħara tal-Punent" għalhekk tmur kontra l-pożizzjoni espressa mill-Unjoni dwar it-territorju tas-Saħara tal-Punent, tikser ir-rekwiżit li tiġi stabbilita informazzjoni "korretta, newtrali u oġġettiva" [107] dwar il-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti inkwistjoni u tikser l-għażla tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jeżiġi oriġini singulari għal finijiet ta' ttikkettjar.

142. Bħala konklużjoni, it-tikketta tal-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti inkwistjoni ma għandhiex tinkludi indikazzjoni territorjali ħlief dik tas-Saħara tal-Punent.

## IV. Konklużjoni

143. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi magħmula mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza):

"(1) L-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 134(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jawtorizzawx, fihom innifishom, lil Stat Membru jadotta unilateralment miżura nazzjonali li tipprojbixxi l-importazzjoni fit-territorju tiegħu ta' frott u ħaxix minn pajjiż terz minħabba nuqqas ta' ta' tikketta b'indikazzjoni tal-"pajjiż ta' oriġini" korretta.

(2) L-Artikoli 5(1) u 6(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat, l-Artikoli 9 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004, u l-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007, moqri fid-dawl tal-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 952/2013 u l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni

[106] Il-pożizzjoni attwali tal-Unjoni tidher li hija li l-proċess politiku dwar il-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent għandu jkollu l-għan li jikseb "soluzzjoni politika ġusta, realistika, prammatika, dejjiema u aċċettabbli b'mod reċiproku […] fuq il-bażi ta' kompromess" [traduzzjoni mhux uffiċjali], kif indikat fil-punt 13 tad-dikjarazzjoni konġunta tal-Unjoni u tal-Marokk għall-erbatax-il laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni (27 ta' Ġunju 2019), disponibbli fuq: https://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2019/06/27/joint-declaration-by-the-european-union-and-the-kingdom-of-morocco-for-the-fourteenth-meeting-of-the-association-council/.

[107] Ara s-sentenza tat-13 ta' Jannar 2022, Tesco Stores ČR (C-881/19, EU:C:2022:15, punti 44 u 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

tal-Kummissjoni (UE) 2020/1470 tat-12 ta' Ottubru 2020 dwar in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija u dwar it-tqassim ġeografiku għal statistika oħra tan-negozju,

għandhom jiġi interpretati fis-sens li jeżiġu li l-imballaġġ tat-tadam cherry u tal-bettieħ tal-varjetà Charentais li joriġinaw mit-territorju tas-Saħara tal-Punent għandu jkollu indikazzjoni ta' "pajjiż ta' oriġini" li tirrifletti l-oriġini tagħhom minn dan it-territorju.

Fl-istat attwali tad-dritt u tal-politika tal-Unjoni Ewropea, tikketta ta' dan it-tip ma għandhiex tindika r-Renju tal-Marokk.